Ottubru - Diċembru 2019 Ħarġa Nru: 102

# IL-PRESEPJU

Pubblikazzjoni Għaqda Ħbieb tal-Presepju - MALTA




Newspaper Post

c/o 56, "Amaltea"
Triq il-Marġ, Attard, ATD 2382

**Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta**

Maħruġ kull 3 xhur
VO / 0844

Kull korrispondenza għandha tiġi indirizzata lis-Segretarju,

is-**Sur Charles A. Bellia**
**"Amaltea" 56,**
**Triq il-Marġ,**
**Attard ATD 2382, Malta**

Apprezzament speċjali jmur lis-Sinjura Jessie Chircop li ħadet ħsieb il-*proof-reading*
Issetjar: Stefan Zahra




Ritratt tal-Qoxra:
Dettall minn presepju maħdum minn Francesco Stellato Amantea - Italia

Stampat:
**BONNICI PRESS**
VALLETTA
Tel: 2122 4607

# Werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 03 |
| Kelmtejn mill-President | 04 |
| Suċċess wara ieħor | 05 - 06 - 07 |
| Fi triqti lejn il-grotta | 08 |
| L-Għar ta' Bethlehem | 09 |
| Avviżi tal-Għaqda | 10 |
| Il-Purċissjoni tal-Bambin fl-irħula Maltin | 11 |
| Xi drawwiet Maltin tal-Milied | 12 - 13 |
| Il-Liturġija ta' żmien il-Milied | 14 |
| Lill-Bniedmin ma nistax nifhimhom | 15 |
| Il-Milied fi Spanja | 16 - 17 |
| Temminhom dawn? | 18 - 20 |
| Poeżija / Għanja | 21 |
| Qwiel u Idjomi Maltin fuq il-Milied | 22 |
| L-Għaġeb tal-Presepju | 23 |
| Il-Bambin ta' Aracoeli | 24 |
| L-Għalqa tar-Rgħajja | 25 |
| Il-Presepju Sqalli | 26 |
| Ħsibijiet | 27 |
| Il-Prietka tal-Milied | 28 -31 |
| Il-Kors ta' Gianfranco Cupelli u Francesco Stellato bir-ritratti | 32 |


**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, Malta tirringrazzja lil kull minn kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.**

# L-Editorjal ...

Kemm tinbidel id-dinja! Suppost dejjem għall-aħjar. Iżda donnu aktar kemm jgħaddi żmien, il-bniedem, li minn għalih sar jifhem f'kollox u li sar qisu alla li jaf kollox, ma jafx li qiegħed ifalli fl-aktar element essenzjali.... dik ta' mogħdrija u ta' tolleranza.

Dan il-ħsieb, jitfagħni elfejn sena 'ilu. Il-ġrajja ta' Betlem hija episodju fil-mixja tad-dinja u llum il-ġurnata qiegħda terġa' tirrepeti fi żmienna. Meta' tisma' x'qed jiġri f'kull parti tad-dinja....gwerer, dmija, pajjiż kontra pajjiż, nies maħruba minn arthom u m'għandhomx fejn joqgħodu, ngħid mhux hekk kienet il-ħajja fi żmien it-twelid tal-Bambin!

Fil-evanġelji smajna kemm -il darba li l-Lhud jiġġieldu kontra r-Rumani, kontra kull okkupazzjoni sakemm ġew maħkuma totalment mill-akbar forza militari ta' dak iż-żmien...ir-Rumani.

Kien għalhekk li Alla għażel dak il-mument li jiġi fid-dinja biex juri lil bniedem li kellu bżonn jerġa jitħabbeb ma' Alla. Dan għamlu billi sar bniedem taddemm u l-laħam u billi twieled ġo l-ifqar għar li kien hemm f'Betlem. Tajjeb li ngħidu li ġie f'dak iż-żmien ukoll billi ried li ismu, Emanuel, jitniżżel fl-ewwel ċensiment li qatt sar fid-dinja.

Din id-darba t-tarbija ta' Betlem ġiet biex tiftaħ għajnejn il-poplu li bil-ġlied u bil-gwerer ma ssolvi xejn. Ġiet biex teħodha kontra l-inġustizzja, kontra l-ħakma. Wera li l-bniedem ma għandux joqgħod lura u ma jsemmax leħnu fejn ikun hemm bżonn.

Meta nħares lejn il-presepju...dan kollu jgħaddi minn quddiem għajnejja u nħoss il-paċi f'qalbi għal ftit ħin.

**Frans Chircop**
Editur


## REKLAMAR FUQ IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-GĦAQDA

Kull min jixtieq jippubblika avviż fil-pubblikazzjoni "**Il-PRESEPJU**"
jista' jagħmel kuntatt mas-Segretarju is-Sur Charles A. Bellia
fuq in-numru: 9940 6645
jew jibgħat email fuq presmal18@gmail.com

**Jingħataw rati speċjali lil minn jibbukja l-avviż tiegħu**
**fuq il-pubblikazzjonijiet li jiġu pubblikati matul is-sena**

Infakkru li dan il-fuljett ikun ukoll online fuq il-website uffiċjali tal-Għaqda: www.presepjumalta.org

# Kelmtejn mill-President



ALEX POWELL

Il-Milied magħna. L-entużjażmu jinħass. Il-ħerqa fl-istennija. Il-ferħ, il-ħidma u l-preparamenti, li, speċjalment aħna li nħobbu l-presepju, inkunu għaddejjin minnu. F'dan iż-żmien ma niddejjaq xejn li nerġa nħoss fija t-tifel ta' dari, wara kollox, jekk ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet (Mt 18,3). Nittama li lkoll kemm aħna din l-istennija toħloq fina spirtu ta' ferħ sinċier.

Il-presepju għandu missjoni. Huwa prietka siekta. Fih naraw il-Ħallieq setgħani magħmul tarbija, jagħżel il-faqar, skumdita' mhix mistennija, biex jitwieled fih u jiġi jgħix fostna. Kien dan li ġiegħel lil San Ġorġ Preca jordna lill-membri tas-Soċjeta' tiegħu li jqassmu presepju lil kull tifel u tifla, li ħeġġeġ lil San Franġisk t'Assisi u lil San Gejtanu jagħmlu l-presepji famużi tagħhom. Ilkoll riedu li l-għajnejn tal-bniedem jaraw dan il-misteru li tant kien jimla' qlubhom b'imħabba inspjegabbli.

M'għandix dubju li lkoll kemm intom, bħali, kontu qed taħdmu l-presepju. Wasalna biex nesebixxuh.

Waslet il-wirja tagħna.Waslu l-aqwa attivitajiet għall-Għaqda. Ejjew ilkoll flimkien nipparteċipaw, ħalli r-responsabilta' li għandna fuq spallejna li nkunu predikaturi siekta permezz tal-presepju, naqduha. L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, Malta, hija l-mezz li bih nistgħu nagħmlu dan, ma nitilfux iċ-ċans.

**Presidenti**

Il-kors tant interessanti li sar mill-presepisti Taljani Gianfranco Cupelli u Francesco Stellato, laqqgħani mal-presidenti ta' qabli ta' din l-għaqda. Ħadna ritratt flimkien. Ftakarna wkoll fl-Ekx. President Mario Buontempo li ltaqa' ma' Ġesu' Bambin qabilna. Nittamaw li din l-Għaqda tibqa' tiġġedded ħalli l-presepju jibqa' fil-qalb tal-Maltin is-sena kollha, imma l-aktar f'dan iz-zmien qaddis tal-Milied.



***Fir-ritratt, mix-xellug għall-lemin:*** Frans Chircop, Victor Darmanin, Austin Galea (Fundatur), Andrew Spiteri u Alex Powell.

**_"Grazie amico mio,_**
**_A te e a tutti i tuoi colleghi._**
**_Siete fantastici!_**
**_Ci rivedremo presto!"_**



Dawn kienu l-aħħar kelmiet ta' Gianfranco Cupelli nhar il-Ħadd 29 ta' Settembru, 2019 qabel ma tela', flimkien ma' sieħbu Francesco Stellato , fuq il-Catamaran biex jirritornaw lejn Amantea fil-Calabria wara tmiem il-ġimgħa mimli idejat, diskussjoni u fuq kollox wirja ta' teknika dwar id-diversi stadji fil-bini ta' presepju.



Presepju ta' Franklyn Pace

L-organizzazjoni ta' kors minn presepista barrani kienet ilha titqajjem fil-laqgħat tal-Kunsill tal-Għaqda tagħna. Daqs sentejn ilu ittieħdet id-deċiżjoni li kien wasal iż-żmien biex aħna nħalltu l-idejat tradizzjonali tagħna ma dawk barranin. Wara ftit tar-riċerka u kunatti, l-għażla waqgħet fuq Gianfranco Cupelli u sieħbu Francesco Stellato. Sirna nafuhom mill-internet fejn ukoll komplejna niddiskutu magħhom il-metodu li bih kellhom imexxu l-kors li ġie ffissat għall-aħħar *weekend* ta' Settembru,2019

Ma kellniex ċans immorru narawhom jaħdmu; dak iż-żmien konna qed nippreparaw għall-Konvenju Ewropew li organizzajna f'Novembru 2018. Afdajna r-ritratti u xi filmati li kien hemm fuq 'youtube' u ħloqna l-fiduċja tagħna fuqhom. Ma morniex żmerċ... Gianfranco u Francesco laħqu l-aspettativa mhux biss tal-Kunsill imma wkoll tan-numru sabiħ ta' presepisti li attendew għall-kors.

Meta rajt il-van tagħhom nieżel ir-rampa tal-Catamaran bdejt nimmagina x'setgħu ġabu magħhom biex kellhom bżonn van Fiat Ducato ta' xejn anqas minn ħames metri. Ir-risposta waslet l-għada, il-Ġimgħa filgħodu meta bl-għajnuna tal-membri tal-Kunsill u xi ħbieb oħra bdejna nħottu l-vann. Ma nafx kemm il-darba tela' u niżel il-lift tal-Kunsill Lokali tal-Mosta! Is-Sala tal-Komunita fiċ-Ċentru Ċiviku, li sa ġurnata qabel kienet tidher qisha pjazza vojta, malajr imtliet bil-presepji, aċċessorji u biċċiet ta' kostruzzjoni relatati mal-presepju. Dawn kollha kienu intiżi biex jintużaw matul il-kors.

Intant ilqajna lill-parteċipanti b'diskorsi qosra mis-Sra. Romilda Baldacchino Zarb - Sindku tal-Mosta, Il-President tal-Għaqda- s-Sur Alex Powell u Gianfranco Cupelli. Immedjatament wara beda x-xogħol. Il-ħbieb tagħna mill-ewwel urew li kienu preparati. Ħadmu flimkien u aċċertaw li l-udjenza li kellhom quddiemhom kienet qed tifhem u tapprezza dak li kien qed




isir. Ma ddejqu xejn mill-cameras u mobiles li bdew jieħdu ritratti; anzi kienu ferm disponibbli biex ix-xogħol tagħhom mhux biss ikun fotografat imma wkoll miġbud fuq video.

Il-professjonalità tagħhom spikkat anke fil-mod kif fix-xogħol tagħhom użaw oġġetti u materjali li faċli ssib tixtrihom - anke hawn Malta! Taw importanza l-fatt li ma hemmx għalfejn tonfoq mijiet ta' Ewro biex tagħmel presepju kif jixraq.

Il-ġurnata tas-Sibt kienet karatterizzata anke minn diskussjoni li nvolviet lill-parteċipanti. Daħlet familjarità li permezz tagħha kulħadd ħassu liberu li jikkummenta u jistaqsi dwar materjali, metodi, eċċ. Il-frankezza li biha Gianfranco u Francesco wieġbu għad-domandi li sarulhom kompliet tinkoraġġixxi d-diskussjoni li baqgħet sejra anke waqt l-ikla ta' nofsinhar. Naturalment, wieħed mill-isbaħ mumenti tas-Sibt wara nofs inhar kien meta tħabbar li













l-ikbar presepju minn tlieta li ġabu magħhom Gianfranco u Francesco, u li huwa tipiku tal-Calabria, fl-Italja, kien ser jingħata lill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta bħala sinjal ta' ħbiberija.
Il-Ħadd filgħodu kompliet toħroġ il-kapaċita u l-artistrija taż-żewġt' iħbieb Calabresi. L-aħħar erba' siegħat tal-kors kienu dedikati għal veġetazzjoni tal-presepju. Rajna lil Gianfranco joħloq siġra taż-żebbuġ minn ftit 'expanding foam' u taħlita ta' kolla, ġips u serratura.
L-għodda prinċipali kien lapes bil-ponta twila. Fuq zokk ieħor li kien diġa ppreparat, Francesco uriena l-kapacita tiegħu fiż-żebgħa u sfumaturi. Kuluri? Blu u iswed għall- bażi...isfar mustarda u abjad għal irfinar u sfumaturi. Ħin minnhom, Gianfranco stieden lill-parteċipanti biex jersqu viċin u jaraw ix-xogħol jinħadem. Fi ftit sekondi spiċċa mdawwar minn nies ħerqana li jassorbu dak kollu li kien għaddej. Raw is-siġra taż-żebbuġ tinħadem sakemm imtliet bil-weraq lesta biex titpoġġa fil-presepju. Is-sodisfazzjon laħaq il-quċċata tiegħu meta uħud mill-biċċiet li nħadmu waqt il-kors ġew imqassma lill-parteċipanti preżenti.
In-nofs ta' nhar tal-Ħadd għadda malajr. Konna ristretti bil-ħin u ma stajniex intawwlu ż-żejjed. Minkejja dan, il-programm tal-kors sar kollu. Wara li rajna l-veġetazzjoni għall-presepju, kien jonqos ħaġa waħda biss - it-tqassim taċ-ċertifikati u r-ringrazzjamenti li huma parti mir-ritwal ta' kull attivita.
Bl-għajnuna ta' wħud mill-parteċipanti, il-materjal li kellu jmur lura Amantea tgħabba fil-vann fi ftit ħin. Is-sodisfazzjon u apprezzament reċiproku kienu jidhru fuq wiċċ kulħadd. L-awguri u x-xewqat għal attivitajiet oħra simili ma setgħux jindikaw għajr ħaġa waħda - il-kors kien suċċess ieħor fil-katina ta' suċċessi għall-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta.
Grazzi lil kull min ta daqqa t'id biex iż-żjara ta' Gianfranco Cupelli u Francesco Stellato fostna laħqet l-għan ewlieni tagħha

# Fi Triqti lejn il-Grotta

JONATHAN BALZAN



Madwari ikliet u okkażjonijiet.
Skambjar l-awguri fi xmara imdardra
minn xufftejn sakrana.

Ma tintlemaħx l-istilla tiddi fuq l-għar.
Lil hemm mixjieti għatxan nbill griżmejja
mid-dmugħ tat-tarbija.

Fi triqti hawn rgħajja għaġġiela
bin-ngħaġ f'idhom.
Jien ġej b'qoffa dnubiet
fiduċjuż li teħlisni mill-ħtijiet, u
bħax-xabbatur lejk indur kuljum
nersaq qribek bħal pastur.

# Il-ħlas tal-Miżata għas-sena 2020

## DIĊEMBRU - Ix-xahar tal-Miżata ...

Bħala membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta, Diċembru żgur ifakkarna li jkun wasal iż-żmien biex nagħtu sehemna fit-tmexxijja 'l quddiem tal-Għaqda tagħna. Dan is-sehem tant hu żgħir li ħafna drabi ninsewh. Għalhekk il-Kunsill Amministrattiv jieħu l-inizjattiva biex ifakkarna fih permezz tal-fuljett "il-Presepju". Tista tħallas il-miżata tiegħek meta tiġi tara l-Wirja f'Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta jew billi tibghat ċekk ta' €5 (tfal €2) fl-indirizz li ssib fil-faċċata ta' quddiem ta' dan il-fuljett.

**Grazzi bil-quddiem!**

# L-Għar ta' Betlehem

## Għajn dejjiema ta' ħbiberija

PATRI PAWL BUGEJA - FRANĠISKAN KAPUĊĊIN
Kappillan tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta

Meta waslet il-milja taż-żminijiet Alla ried li d-Divin jissieħeb mal-Uman u dan għamlu permezz tal-ġrajja tat-twelied ta' Sidna Gesu` Kristu, bit-twelid Tiegħu fil-għar ta' Betlehem.
U din il-ġrajja fejn naraw jitħabbu d-Divin ma' l-Uman, fejn id-deversita' għaqdet il-għana mal-faqar, l-imensita' mas-semplicita`, hekk ġew minquxin ma' din il-ġrajja hekk kbira li dawret u mmarkat l-istorja tal-umanita għall-dejjem.
U din l-imħabba ta' Alla ssawbet f'qalb il-bniedem, b'tant żelu li sal-lum baqet u għadha mfissra fil-letteratura, fl-arti, fil-mużika, fl-arkitettura, fit-tradizzjonijiet, fil-kulturi u, fis-sempliċita tal-presepju. Il-presepju jiġbor fih messaġġ l-aktar qawwi ta' dan kollu li għidt sa fi żminijietna. Il-presepju huwa messaġġ viżwali ta' din il-ħbiberija ta' Alla u l-bniedem.
Bl-idejn ta' bniedem, l-artist, qajl qajl, isawwar l-blat, il-grotta u għerien oħra, il-mogħxa tal-art, id-dwejriet; u jkompli jimla' l-pajesaġġ bir-raħħala, bdiewa, ragħajja, l-għaġġib, in-ngħaġ u ħlejjaq oħra, sakemm fiċ-ċentru ta' kollox jasal sabiex isawwab il-familja mqaddsa, ta' Ġużeppi, Marija u t-tarbija Ġesu`.
Quddiem din id-dehera l-għajnejn ma jieqfu qatt iħarsu u jgħarxu u jissaħħru bil-kreativita` tal-artist li jkun sawwar il-presepju, iżda fuq kollox jissaħħar aktar fil-ħsieb u l-imħabba li din ix-xbieha tal-presepju twassal tal-ħbiberija kollha mħabba ta' Alla lejna l-bnedmin.
Is-sbuħija hi l-kif madwar id-dinja nisranija, kull pajjiż ifisser din il-ġrajja bil-presepju skond il-kultura tiegħu, jiżboq f'kull presepju il-kostumi, pajesaġġi partikulari, il-materjal li jintuża, l-ideat differenti, kuluri u sfumaturi, qisien differenti, biex ifissru li dan Ġesu` Hu ta' Kulħadd, ġie għall-kulħadd u offrilna l-id tal-ħbiberija biex ilkoll kemm aħna jkollna d-dinjita` ta' wlied l-istess Alla l-Missier.
Bosta kienu u għad hawn dawk li b'żelu jħabirku, fosthom, jekk mhux fuq kollox, il-membri tal-Għaqda ħbieb tal-Presepju - Malta, sabiex il-presepju jkompli jkun msawwar u mhux mill-lat artistiku biss iżda għax għandu messaġġ xi jwassal. Ma naqtgħux qalbna anke jekk qed ngħixu, f'socjeta' li trid tnessina li Alla jeżisti, li Alla sar Bniedem u għammar fostna, soċjeta' li f'xi pajjiżi trid tneħħi t-tradizzjoni sabiħa tal-presepju bl'iskuża biex ma nofendux is-sentimenti ta' ħaddieħor.
Ix-xbieha tal-presepju ma toffendiex lill-bnedmin! Il-presepju hu xbieha li tfakkarna u tħeġġiġna sabiex nirrispettaw il-ħajja, tgħallimna li kulħadd hu l-istess, għani u fqir, għaref jew le, tgħallimna li fid-diversita` hemm l-unita`. Unita' bejn Alla u l-bniedem, u bejn il-bnedmin infushom.
J'Alla jkollna ż-żelu li kellu l-Qaddis Malti San Ġorg Preca, li dejjem xtaq u dejjem ħeġġeġ sabiex ix-xbieha tal-presepju tkun prezenti f'kull familja.
J'Alla intom ilkoll li tibnu l-presepju tagħkom, iżżommu sħiħ sabiex tħeġġu u tgħallmu lil ħaddieħor kif jiġu msawba l-presepji madwar id-dinja kollha, sabiex il-messaġġ aħħari tal-prespju, jasal fil-qalb tal-bnedmin ta' rieda tajba.



# Wirja Annwali tal-Presepji - 2019



Il-wirja mtella'
mill-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - MALTA
tkun miftuha kuljum inklużi Ħdud u Festi,
mid-9.30 a.m. sas-7.00 p.m.
Tibda **is-Sibt 7 ta' Diċembru 2019**
sas-**Sibt 5 ta' Jannar 2020**
f'Palazzo Ferrerija (Ministeru għall-Familja)
quddiem it-Teatru Rjal,
Triq ir-Repubbblika, Valletta

*(Tkun magħluqa fl-24, fil-25 u fis-26 ta' Diċembru u fil-31 ta' Diċembru wara nofsinhar)*

**Matul il-Wirja se jinġabar il-ħlas tal-Menswalità tal-Għaqda 2020**

# Attività t'egħluq is-Sena ...

Bħal ma nagħmlu kull sena, ftit ġranet wara li nżarmaw il-Wirja tal-Presepji niltaqgħu biex nirringrazzjaw lill-Mulej tal-għajnuna li jkun tana matul is-sena li tkun għaddiet u wara niċċelebraw egħluq sena oħra ta' ħidma mill-Għaqda tagħna favur il-presepju. Is-serata ta' egħluq din is-sena ser issir nhar **is-Sibt 11 ta' Jannar, 2020 mill-5.30 p.m. il-quddiem.**

**Il-Programm ikun jinkludi:** Quddiesa fil-kappella ta' Lourdes (ħdejn il-Kapuċċini) u wara Riċeviment u tqassim ta' ċertifikati u *tokens* lill-parteċipanti fil-Wirja 2019. Inħeġġukom biex tattendu. Bookings waqt il-Wirja 2019 f'Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubbblika, Valletta.

# Il-Purċissjoni tal-Bambin fl-Irħula Maltin

JOSEPH C. CAMILLERI



Meta San Ġorġ Preca, kien beda l-manifestazzjoni bil-Bambin f'maxtura madwar it-toroq tal-Ħamrun, lejlet il-Milied tal-1921, tant kienet intlaqgħet tajjeb mit-tfal u minn nies adulti, il-ħafna rħula u bliet bdiet tingħoġob u bdiet tinxtered ma' Malta kollha.

Ħaż-Żabbar kien raħal li kellu l-ħames oqsma tal-Museum. Dan kien fetaħ fl-1922. Is-superjur kien Ġużeppi Lanzon. Is-Sur Lanzon kien jagħmel minn kollox biex jimxi fuq il-kliem ta' Dun Ġorġ (illum qaddis). Għalhekk fl-1922 akkwista daqsxejn ta' Bambin mingħand patri ta' San Franġisk mill-Belt. It-toroq kienu mudlama għax ħlief xi fanal tal-pitrolju b'tubu mgermed bir-riħ ma kienx hawn. It-toroq kienu wkoll mimlija toqob u ħofor, trab u tajn. Għalhekk Lanzon ġab bosta fanali u fanal tar-rota li kien jixgħel bl-aċitilena. Dan refgħu Ġużeppi Chetcuti li kellu jimxi b'lura biex il-fanal jitfa' raġġ ta' dawl fuq il-figura tal-Bambin. Il-Bambin żammu f'idu Ġeraldu Schembri, tifel ta' disa' snin, liebes ta' abbati.

Il-Purċissjoni għaddiet mit-toroq ewlenin ta' Ħaż-Żabbar. Minn triq il-Knisja (illum Triq is-Santwarju), Triq il-Ġdida, u daret lejn il-Knisja ta' San Nikola biex ġew ħdejn il-Knisja Parrokkjali. Billi kienet ħaġa ġdida n-nies ta' l-irħula ma kinux jafu biha. Bosta minn dawk in-nies kienu llitterati. Jiġ ifieri ma setgħux jaqraw x'purcissjoni bil-Bambin wara fil-Ħamrun is-sena ta' qabel. Dak iż-żmien ma kienx hawn radju. Għalihom kien lejlet il-Milied bħal ħafna ljieli oħra l-Milied li għaddew minnhom tul ħajjithom. Xejn ġdid. Għalhekk il-Purċissjoni bil-Bambin f'dan ir-raħal sabet ruħha fl-inkwiet. Fid-djuq ta' Triq Bajjada, fejn kien hemm il-Museum tal-Bniet, kien hemm grupp irġiel daqsxejn xurbana. Is-superjur beża' ħafna minħabba t-tfal. Iżda meta l-purċissjoni sabet ruħha qribhom, dawn warrbulhom min-nofs bil-kwiet u ħallewha tgħaddi. Saram Xejn.

Ħaż-Żabbar kien hemm drawwa li t-tfal waqt il-purċissjoni jerfgħu fanali tal-karta. Dawn kienu twal u tondi. Xi wħud minn dawn il-fanali kienu jieħdu n-nar. It-tfal kienu jagħmlu mħatra minn iwassal il-fanali sħaħ lura sal-Qasam. Wara żdiedu l-brazzi bl-aċitelena. Dawn kienu bħal bottijiet kbar, pajpijiet taċ-ċomb fit-tarf u mimlija bil-faħam tal-aċitelena. Bi qtar tal-ilma, dan il-faħam kien joħroġ minnu gass li kien jixgħel u jagħti dawl tajjeb ħafna. Wara ġabu fanali bi kliem bħal Kristu l-Feddej. Hawn bdew deħlin il-lampi tal-*mantle*.

Il-purċissjoni maż-żmien kienet qabdet sewwa u t-tfal kif ukoll il-kbar bdew jinteressaw ruħom u kienet saret il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet ewlenin tal-Milied.

# Xi drawwiet Maltin tal-Milied ...

JOSEPH F. GRIMA B.A. (HONS), M.A.



Ħafna mid-drawwiet Maltin assoċjati mal-Milied huma importati minn pajjiżi barranin. Iżda jeżistu drawwiet, li wħud minnhom tista' tgħid inqatgħu, li huma ta' oriġini Maltija jew li ilhom jeżistu annati kbar.

Il-Milied hu ċċentrat madwar il-presepju u, apparti dawk sempliċi li nsibu fil-knejjes, f'Malta nsibu ħafna presepji żgħar -u kultant ċkejnknin għat-tfal li nsejħulhom grotti – li jkun fihom figuri żgħar iżda elaborati tal-pasturi. Fl-imgħoddi, dawn il-pasturi kienu jsiru lokalment u r-rgħajja u n-nies l-oħra x'aktarx kienu jagħmluhom lebsin ilbies pjuttost Malti ta' xejra kampanjola, ċioe' bil-qalziet, qmis, barrnuża u l-ħorġa mitfugħa fuq l-ispalla,. Illum ftit li xejn issib tixtri minn dawn il-figuri tradizzjonali tat-tafal.

Ta' min isemmi wkoll li f'Malta għandna diversi presepji kbar mekkanizati bħal, ngħidu aħna, dak li hemm fl-Istitut tas-Sorijiet taż-Żejtun. Fil-fatt, din mhix xi novita' u fis-snin sebgħin tas-seklu 19, ċioe' aktar minn mitt sena ilu, kien jissemma l-presepju kbir mekkanizzat li

kellu fid-dar tiegħu propju f'Ħal Qormi is-sur Antonio Muscat Fenech. Aktar 'il quddiem saru presepji oħrajn bħal, ngħidu aħna, dak ta Domenico Pace fiċ-Ċircolo Mannarino f'tas-Sliema fl-1887. In-numru ta' presepji ta' din ix-xorta imbagħad kiber u nxterdu ma' Malta kollha. Ta' min isemmi li l-presepju kbir ta' Muscat Fenech – li baqa jarmah al-menu sal-1906 u li żaruh anke l-Isqof Mons. Pietru Pace u l-Gvernatur Mansfield Clarke – ġie ssuperat minn presepju akbar maħdum u mqiegħed għall-wiri f'Ħal Qormi wkoll minn Dun Ġwann Porsella Flores, li baqa jarmah mill-1912 sa ftit qabel ma' miet fl-1939.



Fil-fatt, it-tixrid tal-presepju fid-djar hu biss estensjoni tal-presepji li kien ikun hemm fil-knejjes bħal, ngħidu aħna, il-presepju li kellhom id-Dumnikani fil-knisja tagħhom tar-Rabat fl-1617 u fl-1618. Fl-1761, Dr. Injazju Saverju Mifsud isemmi, fid-djarju tiegħu, li miet l-istatwarju Malti Saverju Laferla li, barra li kien l-ewwel Malti li ħadem statwi tal-kartapesta, kien magħruf ukoll għall-presepji li kien jagħmel.

Ta' min isemmi li fiż-Żurrieq kien hemm presepju mekkaniżżat tas-sur Falzon, li kien joqgħod in-Nigret u li kien għamel presepju jaħdem bis-sħana. Il-pasturi kienu kollha bl-ispag u mwaħlien ma injam different bi skrun li taħtu kienet toqgħod ix-xema'. Din kienet issaħħan l-iskrun u hekk kif tibda ddur l-pasturi kien jibdew jiċċaqalqu. Sa ftit ilu kien għadu għand il-familja Falzon, pero' meta tlabthom biex narah għand min qiegħed issa, kien indispost u ma tantx xtaq li narah.

Drawwa li nqatgħet f'pajjiżna hi d-daqq taż-żaqq. L-antiki Għawdxin igħidu li dawn id-daqqaqa kienu jdoqqu fil-quddiesa ta' nofs il-lejl fil-knejjes il-kbar, u b'hekk kienu joħolqu atmosfera u nota verament pastorali. Kienu jdoqqu wkoll fit-toroq tal-irħula matul in-Novena tal-Milied.

Il-quddiesa ta' nofs il-lejl tfakkarni fil-prietka tat-tifel li ħafna nies igħidulek li hi drawwa antika ħafna. Fil-fatt, dawn il-prietki tat-tfal jissemmew fil-gazzetti Maltin madwar mitt sena ilu bħal novita', xi ħaġa ġdida. Hekk naraw li fil-Milied tal-1883 għamel prietka tal-Milied f'Ħal Luqa tifel ta' għaxar snin, ċertu Ġorġ Sapiano, li ġibed l-ammirazzjoni ta' kull min semgħu.

Fl-aħħar tas-seklu l-ieħor saru wkoll prietki simili fil-knejjes parrokkjali tal-Furjana u l-Ħamrun u fil-knejjes tal-Vitorja u ta' Santu Rokku fil-Belt Valletta.
Illum, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Lejl tal-Milied fil-knejjes kollha jinkludu din il-prietka, għalkemm daż-żmien issir qabel il-quddiesa.

# Il-Liturġija ta' żmien il-Milied

VINCENT GALEA

Fil-liturġija, żmien il-Milied jibda preċiżament bl-Ewwel Għasar tal-Milied u l-Quddiesa tal-Vġili, lejliet il-Milied, u jagħlaq bil-festa tal-Magħmudija tal-Mulej li tkun iċċelebrata Ħadd fuq is-6 ta' Jannar. Il-kulur liturġiku ta' dan iż-żmien huwa l-abjad li jfakkarna fil-ferħ li ġab Ġesù meta ġie fid-dinja. L-ewwel tmint ijiem ta' wara l-Milied jissejħu l-Ottava tal-Milied u matulhom tissokta s-solennita' tal-Milied.

Għeluq it-tmint ijiem minn Jum il-Milied, voldieri nhar l-Ewwel tas-Sena, il-Knisja tiċċelebra l-Maternità ta' Marija. Din hi festa importanti ħafna għax tfakkarna fl-Ewwel Domma Marjana dik li Marija hija OMM ALLA. Matul l-Ottava jiġu ċċelebrati l-festi ta' San Stiefnu, l-ewwel martri tal-Knisja, ta' San Ġwann l-Evanġelista, l-uniku appostlu li ma ħax il-martirju, u l-Qaddisin Innoċenti li nqatlu minn Erodi. Fil-Ħadd fost l-Ottava niċċelebraw il-festa tal-Familja Mqaddsa, li l-Beatu Pawlu VI kien ipproponiha bħala mudell għall-familji tagħna.

Fit-3 ta' Jannar imbagħad niċċelebraw il-festa tal-Isem ta' Ġesù, li ta' min jgħid tradizzjonalment ix-xahar ta' Jannar kollu kien jissejjaħ ix-xahar tal-Isem ta' Ġesù. Fis-6 ta' Jannar niċċelebraw il-festa tal-Epifanija, meta l-Maġi marru jqimu lil Ġesù. F'pajjiżna din tkun iċċelebrata Ħadd fuq l-ewwel tas-sena.

F'Betlem kemm il-Knisja u anke l-Għar bilfors ifakkruk fit-twelid tal-Messija. Il-presbiterju tal-Knisja tan-Nativita' qiegħed sewwa sew fuq l-għar li fih twieled Ġesù. Taraġ fuq il-lemin tal-istess presbiterju iwasslek fejn hemm stilla li madwarha hemm il-kliem "Marija Verġni tat id-dawl lill-ewwel Iben Tagħha fisqietu u meddietu f'maxtura".
(Lq II v 7).

Mela tajjeb li niffesteġġjaw dawn il-festi li jaħbtu fiż-żmien il-Milied. Tajjeb ukoll li nkunu nafu li jeżistu biex b'hekk il-festa tal-Milied tkun kompluta.





# Lill-Bnedmin ma nistax nifhimhom

## It-talba tal-ħmara lill-Madonna b'Ġesù f'idejha ...

*Għażiża Sinjura rieqda u sabiħa,*

Jixraqlek tistrieħ ftit fuq tiben, għax ilek jumejn ma torqod u llum tgħidx kemm tħabatt! Kemm hi ħelwa dik it-tarbija rieqda ġo ħoġrok!... Kemm ilek tistenniha! Smajthom jgħidu li hi Bin Alla u li inti tiġi Ommu.
X'kull waħda wkoll! Kemm jiena ferħana li kelli nkun jien li nġorrkom fuq dahri!... Iġri jikber ħalli nibda nrikkbu fuq dari u nieħdu kull fejn imur! Għax tgħid, qalbi ħebritni li inti Sinjura speċjali, daqs kemm ittrattajtni tajjeb, flimkien marraġel tiegħek. Veru li tgħidx kemm għajjejt, għax il-vjaġġ kien twil, imma l-ħlewwa tagħkom ħjietni f'mumenti diffiċli fit-triq.
Hemm anki min tani bis-sieq biex inħaffef, jew ħallieni bil-għatx għax kien mgħaġġel. Lill-bnedmin kultant ma nistax nifimhom, daqqa jżegħlu bija, oħra jinsew kemm inkun qdejthom u ma jieħdux ħsiebi. Taf int, sinjura sabiħa, jien tgħidx kemm inħoss meta nismagħhom jużaw ismi kull meta jirreferu għax xi ħadd injurant. Jew joqgħodu jidħqu bija għax widnejja twal u ma niġrix daqs żiemel. Jien ferħana ħafna kif jien, għax hekk ħalaqni Alla, u dak kollox sew għamel.
Jekk jogħġbok meta tkun ħdejn Alla u l-Missier ta' dak it-Tifel, għidlu.. biex lill-bnedmin jiftħilhom għajnejhom ħalli ma jaħqruniex lilna l-annimali... Għidlu biex jgħidilhom li jien annimal sabiħ, għax lil Alla jogħġbuh il-widnejn twal u ras baxxuta... anke jekk forsi ndum xi ftit biex nifhem. U bilħaqq, meta tqum u tfittex fejn ser tpoġġi lit-tarbija tiegħek, jekk trid tista' tagħmilha fil-maxtura tiegħi. Ara se inħawwad ftit it-tiben ħalli jogħla u jkun qisu soda.

**Kitba ta' Sr. Noemi tal-Anġli**
**meħuda mir-rivista**
**"Dawl Franġiskan", Diċembru 1994**

# Il-Milied fi Spanja

JOSE' MANUEL VALLE CUARTAS
President tal-Asociacion Belenista Asturiana



Meta noqgħod naħseb dwar il-Milied u kif jiġi ċċelebrat fl-Asturias, ir-reġjun fejn noqgħod lejn it-tramuntana tal-penisola Liberiana, b'ambjent ta' muntanji u profil ġjografiku varjat, ħsiebi jmur lejn il-mod kif din il-festa tiġi ċċelebrata fir-reġjuni l-oħra li jiffurmaw is-sbuħija u l-varjeta ta' Spanja. Wara ftit ninduna li ftit hemm differenza bejn reġjun u ieħor. Id-differenzi li jeżistu huma bħal friegħi tal-istess siġra ... li jinbidlu maż-żmien u jieħdu l-forma partikolari tagħhom. Iżda meta nħarsu fil-fond insibu li dawn jaqblu ħafna mat-tradizzjoni oriġinali.

Ejjew naraw ftit x'inhuma ċ-ċelebrazzjonijiet komuni li jisru fit-territorji kollha fi Spanja.

Fil-jumejn ta' Lejliet u nhar il-Milied il-membri tal-familja jinġabru aktar flimkien; dawk li jkunu joqgħodu l-bogħod jagħmlu mill-aħjar biex fil-Milied jingħaqdu mal-membri l-oħra tal-familja. Kulħadd jgħati sehemu, skond il-mezzi tiegħu, għall-paċi u l-ġid komuni. Waqt l-ikla l-kbira jew, kif nafuha, "el frugal" niftakru f'dawk li jkunu ħallewna - kull sena jiżdiedu - u nirrakkontaw b'nostalġija episodji mill-ħajja tagħhom u kemm kienu jħobbu l-familja. Imma, maż-żmien, il-mejtin jitħallew jistrieħu, u nibdew nilqgħu il-membri żgħar tal-familja li jiġu numerużi mimlijin ferħ u entużjażmu. Ftit hemm okkażjonijiet li jixbħu familja magħquda u miġbura tistenna t-Twelid tal-Bambin madwar il-presepju wara l-ikla ta' lejliet il-Milied!

Il-quddiesa ta' nofs il-lejl, magħrufa bħala l-Quddiesa tas-Serduq, hija l-okkażjoni li mat-ulha jkomplu jingħataw l-awguri ta' Paċi u Saħħa lil ġirien u dawk li jattendu kotrana. Waqt il-quddiesa, sew jekk issir fil-Katidral, Bażilika, Parroċċa jew kappella żgħira nitolbu bil-ħerqa biex dik l-imħabba u l-fraternita' universali li tant nixtiequ, issir rejalta'. Ninġabru

lkoll maswar presepji kbar u żgħar li jkunu armati għall-okkażjoni fil-knejjes jew quddiem statwi tal-Bambin Ġesu imkebbeb fil-ħrieqi, li s-Saċerdot li jkun qaddes iressaq lejna biex inbusuH. Iċ-ċelebrazzjoni ta' din iċ-ċerimonja tnissel sensazzjoni ta' paċi f'kull min jieħu sehem.

Il-mużka u kant tal-Milied huma komuni ma' Spanja kollha. Meta jibda riesaq il-Milied għanjiet popolari li jmorru lura anke sal-XV il-seklu jibdew jinstemgħu ma kullimkien. Għalkemm il-mużika baqgħet l-istess, mal-mogħdija tas-snin, il-kliem ta' dawn l-għanjiet inbidel u llum issib taħlita kbira ta' taqbiliet, religjużi, popolari kif ukoll profani. Madankollu it-tema tal-Milied hija b'xi mod preżenti f'kull waħda minnhom. Dawn l-għanjiet jitkantaw madwar il-presepju u jgħatu ġieħ lis-Sagra Familja, lill-Maġi u figuri oħra li jinstabu hemmhekk. Jirreferu għax-xmara li taqsam il-presepju, bil-ħut ta' ġo fiha. Isellmu wkoll lil mara anzjana li qed tinseġ id-drapp jew tixwi l-qastan. Hemm imbagħad għanjiet li jikkritikaw l-użura jew iċanfru lil Erodi għal ħruxija tiegħu mal-Innoċenti.

Lejliet l-Epifanija, fil-5 ta' Jannar, l-Ispanjoli jiċċelebraw l-Festa tar-Rejiet. Din l-okkażjoni toħloq entużjażmu fost it-tfal li jkunu jistennew il-wasla tas-Slaten Magi. F'għajnejhom tkun tidher l-ansjeta li tiżdied iktar ma jgħaddi l-ħin. Dan kollu huwa riżultat tad-dwiddib li jkunu semgħu mingħand il-ġenituri tagħhom tul sena sħieħa li: "Jekk ma toqgħodx bil-għaqal, il-Maġi ma jġiblekx rigali!" Ilkoll għadna niftakru dawk il-mumenti meta anke aħna, bħala tfal, konna nistennew il-wasla tar-Rejjiet. Meta kbirna, it-tfal u neputijiet tagħna ifakkruna f'dak iż-żmien sabiħ! Hija l-istess sensazzjoni li aħna nħossu meta fil-presepju matul il-ġranet ta' qabel il-Milied nibdew inressqu lis-Slaten Magi bil-mod il-mod lejn il-grotta sakemm jaslu ħdejn il-maxtura.

Illum inħoss li tlifna ftit mid-drawwiet tagħna. Nascimiento, Crib, Presepio! It-tradizzjoni li l-presepju jintrama fid-dar nhar il-Kunċizzjoni fit-8 ta' Diċembru u jibqa hemm sal-festa tal-Kandlora fit-2 ta' Frar kienet mifruxa ma' Spanja kollha. Illum ħafna nies qassru dan iż-żmien u saru jżarmaw il-presepju l-għada tal-Epifanija. Iżda rrid ngħid li għalkemm għal perijodu iqsar ta' żmien il-presepju għadek issibu fil-knejjes, kunventi, sptarijiet, skejjel, mużewijiet u swali tal-wirjiet, djar u saħansitra f'postijiet kummerċjali. Bħal ma diġa semmejt il-presepju issibu madwar Spanja kollha. Il-preżenza tal-presepju tinħass l-aktar lejljiet il-Milied fid-djar, fil-knejjes waqt il-quddiesa ta' nofs il-lejl u meta jitkantaw l-għanjiet waqt il-velja għal-miġja tat-tliet Rejjiet.

Il-presepji fi Spanja issibhom f'kull daqs, u forma. M'hemmx xi stil partikolari. Issib presepji Palestinjani, dawk regjonali, popolari jew kontemporanji, kbar, żgħar, sempliċi jew artistiċi li kollha jibgħatu l-istess messaġġ: **"GLORJA 'L ALLA FIS-SMEWWIET U PAĊI FL-ART LIL-BNEDMNIN TA' RIEDA TAJBA"**

Ejja naħdmu flimkien biex insostnu lil din it-tradizzjoni li hija arti, kultura u reliġjosita' .



# Temminhom dawn?

JESSIE CHIRCOP

Għal ħafna minna l-Milied hu l-isbaħ żmien tas-sena. Ħafna minna jħarsu lejn il-Milied bil-ħsieb li jieħdu pjaċir igawdu l-funzjonijiet tal-knisja, xiri ta' rigali, tisjir tal-ikel u l-ħlewwiet....u l-kumplament. Xtaqt naqsam magħkom xi drawwiet li nsibu f'xi postijiet barranin fejn għandu x'jirrigwarda l-Milied.

## Fil-ĠAPPUN:



Il-mara Maltija l-ewwel uġigħ ta' ras meta jasal il-Milied hija l-ikel. X'ser issajjar. Normalment jeħel magħha d-dundjan. Għal kuntrarju fil-Ġappun dan ma jeżistix, minflok jinfexxu jieklu l-*Junk food*, mill-istabilimenti li jservu il-*fast food*. Minkejja li aħna f'Malta ma nistgħux nimmaġinaw kif hawn min jiekol "Junk Food" f'dal-jum hekk għażiż, għal kuntrarju fil-Ġappun hu stmat li fis-sena 2016 kien hemm mat-3.6 biljun ruħ li kielu dan it-tip ta' ikel.
Aħna li ma ngħixux hemm, ma nistgħux nifhmu kif il-Ġappuniżi jagħżlu dan l-ikel meta' l-kċina tagħhom hija tant tajba!!

## L-AWSTRIJA:



Hemm xebh kbir bejn l-Awstrija u Malta ta' kif kienu jbeżżgħu t-tfal meta joqgħdu mqarbin. Hawn Malta konna u naħseb li għad hawn min jgħid lit-tfal li jekk ma jġibux ruħhom sewwa, il-Bambin kien iġibilhom faħma sewda taħt l-imħadda. Ta' tfal li konna, konna nibżgħu u f'dawk iż-żmienijiet tal-Milied konna nsiru qisna ġbara. Fl-Awstrija għandhom lil KRAMPUS jew Santa l-ħażin.
"Santa ma nafuhx biss għar-rigali u l-ġugarelli. Imma tisma' ħafna ġenituri jheddu 'l uliedhom li jekk ma joqogħdux bravi kienu jiġbdu l-attenzjoni ta' Krampus.
Krampus huwa annimal... nofsu bniedem u nofsu bhima...annimal ikrah u feroċi ħafna. Hu kien jiġi u jikkastiga t-tfal imqarbin. Dan Krampus kienu iqisuh bħala s-Santa l-ħażin li dawk it-tfal li kienu jiġu rapportati lilu, kien joħdilhom il-ġugarelli kollha kif ukoll kien isaw-

wathom biz-iskuk tas-siġar!

## Il-ĠERMANJA:



Il-Ġermanja, wieħed mill-pajjiżi li jiċċelebraw il-Milied, hemm użanza li jżejnu bil-Pikles. Nisħajjilkom tgħidu din biex ħierġa? X'għandu x'jaqsam il-Pikles mal-Milied u t-tiżjin ta' dan iż-żmien? Matul iż-żminijiet, il-Ġermanja żammet ħafna tradizzjonijiet ħelwin, bħal bejgħ ta' ġugarelli u presepji magħmulin mill-injam flimkien ma varjeta' kbira ta ħlewwiet tradizzjonali. Imma ħaġa stramba u misterjuża hi dik tat-tiżjin bil-Pikles mas-siġra tal-Milied. Naħseb li bħali ma kontux tafu t-tifsira tagħha.

Fl-antik il-pikles kienet tinħeba ġol-friegħi tas-siġra. Wara li l-kbar tal-familja kienu jikxfu s-siġra, t-tfal b'ġirja waħda kienu jmorru jfittxu l-pikles u min isibha jkollu ċ-ċans li jew jirbaħ rigal ċkejken jew jiftaħ ir-rigal tiegħu l-ewwel. Mażżmien il-pikles ta' veru ħaditha postha waħda tal-injam miżbugħha ħadra; dan biex ma tantx tidher qalb l-aħdar tas-siġra. Meta l-Ġermaniżi bdew imorru lejn l-Amerika, żammew din it-tradizzjoni avolja t-Ifisser tagħha intilfet. Minbarra dan, din it-tradizzjoni ma kinitx magħrufa mal-Ġermanja kollha u b'hekk it-Ifisser tagħha baqgħet xi ftit misterjuża.

## L-OLANDA: *Zwarte Piet (Pietru l-Iswed)*



Din it-tradizzjoni kemmxejn kontroversjali ġejja minn ħafna u ħafna snin u inbidlet ukoll. Dawn it-tibdiliet saru biex jitwarrab l-element razzjali. L-istorja oriġinali tgħid li Santa Claus, jew kif isejħulu huma fl-Olanda Sinterklass jiġi b'pompa kbira fuq vapur tal-istim, u miegħu iġib l-iskjav tiegħu 'Zwarte Piet', li kien maħsub li jkun dak li jgħin lil Santa . Imma ħafna kienu jaħsbu li hu l-Babaw. Lit-tfal Daniżi kienu jgħidulhom li jekk ma jġibux ruħhom sew dan kien jeħodhom miegħu. Meta xi żmien ilu nnies bdew jinkwetaw fuq ir-razziżmu raw kif għamluh u dawru l-istorja. Lil Pietru L-Iswed għamluh bħala dak li jnaddaf iċ-ċmieni. Ħafna llum għadhom jagħmlu l-proċessjonijiet bi 'Pietru l-Iswed' biex jieħdu gost f'dawn il-ġranet ta' ferħ. Illum l-Olandiżi qed jagħmlu minn kollox

biex jaqtgħu din id-drawwa.

**L-IŻLANDA : *Iż-żgħażagħ tal-Milied***

Dawn huma t-13-il ġuvni imqarbin ġejjin mill-Iżlanda. Dawn huma figuri li jżuru lit-tfal fit-13-il jum ta' qabel il-Milied kif jagħmel Santa Claus fl-Ewropa. Dawn iħallu xi rigal ċkejken lit-tfal bravi u patata mħassra lil dawk li jkunu qagħdu mqarbin. Għalhekk kull lejl qabel il-Milied it-tfal tal-Islanda jnaddfu ż-żarbun tagħhom u jpoġġuh ħdejn it-tieqa jew il-bieb ta' kamrithom u jistennew b'ħerqa l-għada filgħodu u jaraw x'isibu fiż-żarbun! F'dawn it-13-il jum jiġi jżur kull dar kuljum wieħed differenti. Dawn huma xi ftit imqarbin u jħobbu jagħtu fastidju. Imma trid tgħid kollox, dawn iż-żgħażgħ tal-Milied minkejja li mqarbin u jħobbu jinbxu huma qalbhom tajba.







# MARIJA ĠULJA

MINN JOS.C. CAMILLERI BA. DEAM. M.ED (PL&MGT)

## Għanja waqt logħba spirata mill-kult tat-twelid ta' Ġesù Bambin

Meta l-familji kienu joħorġu fuq l-għatba tal-bieb, it-tfal kienu jinġabru jilgħabu flimkien. Siegħat sħaħ fix-xhur tas-Sajf u x-Xitwa għad-dawl tax-xemx, it-tfal kienu jilgħabu. It-tfal iż-żgħar kienu aktarx jinġabru madwar tifla li bil-ħlewwa kollha kienet tħobb toqgħod tilgħab magħhom. Waħda mil-logħob tat-tfal iż-żgħar kienet aktarx logħba li ġejja minn Sqallija – Marija Ġulja.
L-isem tal-logħba juri oriġini Taljana. It-tfal kienu jifformaw ċirku madwar din it-tifla u waqt li jduru magħha kienu jkantaw:



***O Marija Ġulja,***
***Oqgħod għar kobbtejk,***
***Ħares lejn is-sema,***
***Ara min hu għaddej,***
***Għaddej Ġesu Bambin,***
***Qalb il-ward u l-ġiżimin,***
***Il-Madonna kellha tifel,***
***Semmietu Ġesù Bambin.***

Fl-aħħar tal-għanja/logħba t-tifla tipponta lejn tifel jew tifla u dan jew din issir il-figura tal-Bambin. It-tfal kollha jċapċpu bħala tislima li Ġesu Bambin.
Hemm varjant ta' din il-logħba/għanja. It-tifla minflok tħares lejn tifel jew tifla tħares lejn is-sema. Hi tipponta subgħajha lejn is-sema u tgħid it-tfal lil-Bambin jinsab għaddej. It-tfal iħarsu 'l fuq u jibdew iċapċpu lill-Bambin.

**Referenza:**
*Lanfranco Guido, Drawwiet u tradizzjonijiet Maltin. Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta 2001.*

Poeżija

# Fil-Milied twieldet l-Imħabba ...

Ferriħija doqqu qniepen
Għaliex twieled il-Bambin
Twieled għeri ġewwa Betlem
Biex jifdina midinbin.

Ġesu twajjeb lili tagħmel
l-Aktar bniedem ixxurtjat,
Jekk tiġi toqgħod ġewwa dari,

Għalkemm mhix bħal tal-kbarat.
Bambin ċkejken jien nwegħdek,
Id-dar żgħira, il-qalb kbira.
Dal-Milied ħalli l-istalla,
Dan il-lejl magħna irtira.

Ibqa' magħna taħt is-saqaf
Għaliex aħna nħobbuk,
Inti l-mimmi ta' għajnejna
U kulm'għandna rridu ntuk.

# Qwiel u idjomi Maltin fuq il-Milied

MINN RALF

**"Meta jasal il-Milied, l-omm timlà l-platt bil-ftiet u l-missier iqabbad iż-żnied."**
Ifisser: Meta jasal żmien il-Milied, kulħadd jieħu gost bl-ikel sħun u bil-pipa.

**"F'Santa Katarina, l-Milied jibqagħlu xahar ġentili."**
Ifisser: Minn jum Santa Katerina (25 ta' Novembru) sal-Milied ikun għad baqa' xahar sħiħ.

**"Il-Milied jġib il-ħelu"**
Ifisser: Il-Milied huwa l-festa tat-tfal li jħobbu l-aktar il-ħlewwiet.

**"Min ma jsumx lejlet il-Milied imut bħall-klieb"**
Ifisser: Is-sawm kien dmir ewlieni għall-missirijietna u fil-Milied ma setax jonqos.

**"X'ħin jasal il-Milied, il-ħeġġa tax-xitwa tkun diġà bdiet"**
ifisser: Mal-Milied kulħadd jibda jinteressah x'se jkun it-temp, biex jara r-riżultat tal-ħidma fl-għelieqi fis-sena l-ġdida. Dawn jissejħu rwiegel

**"Qabel l-għajba tal-Milied, il-Ġurdan ma jżidx fiż-żnied"**
Ifisser: Il-Professur Ġuże' Aquilina jgħid li l-Ġurdan kien isem ta' bejjiegħ iż-żnied li kien jgħammar fiż-Żebbuġ Għawdex. Iż-żnied fl-imgħoddi kien jintuża biex wieħed iqabbad il-pipa. Il-qawl irid jgħid li sal-Milied, is-soltu ma tagħmilx kesħa kbira, u għalhekk ma jeħtieġx isaħħan il-pipa biex titgeddes.

**"Min joħroġ f'lejliet il-Milied (bil-lejl), irid jiekol tliet darbiet"**
Ifisser: Din id-drawwa tolqot il-quddiesa ta' nofs il-lejl, jiġifieri skond il-qawl, wieħed jiekol wara l-quddiesa, f'nofs inhar u filgħaxija.

**"Il-Milied bil-kappell u l-Għid bil-mantar, in-nies tiekol tajjeb u l-bhejjem tixtarr aħjar."**
Ifisser: Il-qawl iqabbel it-temp ta' l-aqwa żewġ festi tas-sena u jgħid li tkun ġejja sena tajba għall-biedja meta l-Milied ikun xemxi u l-Għid xitwi.

**"Sal-Milied, la bard (brud) u lanqas ġwieħ (ksieħ)."**
Ifisser: Il-kesħa, il-bard u l-qilla tax-xitwa jibdew wara l-Milied.

**"Mill-Milied 'il fuq, iż-żmien jibda jagħti bil-buq"**
Ifisser: Wara l-Milied, u b'hekk wara l-festi, jibda żmien ieħor ta' tbatija għall-foqra, l-iżjed minħabba l-faqar u l-ġuħ. (Buq tfisser trumbetta).

**"Mill-Kunċizzjoni sal-Milied, erfa' l-moħriet minn ħalq il-wied u qiegħed l-ixkubetta fuq l-ulied".**
Ifisser: Bejn il-Kunċizzjoni u l-Milied, tħallix għodda fir-raba' u erfa' l-ixkubetta għax il-passa tkun għaddiet.

**"Mill-Milied sa San Stiefnu."**
Ifisser: M'għandekx zmien twil, għax San Stiefnu jiġi l-għada tal-Milied.

**"Milied taħt il-ħajt, l-Għid fuq il-bejt."**
Ifisser: Jekk fil-Milied tagħmel ix-xita, l-Għid ikun temp sabiħ

# L-Għaġeb tal-Presepju ...



Il-Milied huwa żmien ta' ħafna attivita'. Din l-attivita' tiswielna ħafna ħsibijiet, ġiri, xiri u fl-aħħar għejja. Fost il-ħafna ħsibijiet li nkunu rridu nagħmlu, insibu l-presepju. Forsi l-aktar parti li tisraq l-għajnejn tkun il-grotta. Il-qalba tal-grotta tkun riservata għall-familja fqira, magħmula minn tlieta: r-raġel, il-mara u t-tarbija tagħhom. Hemm probabbilta' kbira li mitfugħ fil-ġenb insibu l-Għaġeb. Id-differenza kbira hija din; il-pasturi ssibhom kollha f'attivita', imma l-għaġeb b'idejh vojta, bla rigali, bla nagħġa, bla fanal, bla barmil, bla mgħażqa, bla qoffa, bla bastun. L-Għaġeb mitfugħ kif u fejn poġġewh, iħares iċċassat. Hawn qegħda l-problema għax il-Milied tilef ħajtu. Kieku mqar kellna sufa f'ġisimna minn tal-Għaġeb, kieku aħna nsara li nafu ngħixu l-Milied u nġorruh ġewwa fina. Għax l-attivita' kollha tal-Milied tirnexxi mija fil-mija, jekk magħha u bħala pedament ikollna l-ħin biex, bħal ma jagħmel l-Għaġeb fil-presepju, b'idejna vojta merfugħa 'l fuq u ċċassati nħarsu lejn it-tarbija bla ma qatt ngħejjew.

Hu waħdu seta' jgħajjat l-aħbar li taw l-anġli: **ILLUM TWELDILNA SALVATUR, LI HU KRISTU L-MULEJ**. Tinsiex; qabel ma tibda taħseb, taħdem u tgħix, agħmel bħall-Għaġeb: ieqaf u ċċassa lejH.

U tibzax, m'intix taħli l-ħin, imma tħejji ruħek biex tifhem meta ngħidlek:

**"Il-Milied it-tajjeb"**



# Il-Bambin ta' Aracoeli



Wieħed mill-Bambini li kienu ġew esebiti fil-11 ta' Diċembru 2011 fil-Berġa ta' Kastilja, il-Belt Valletta, kien il-Bambin ta' Aracoeli.

L-użu tal-Bambin, jiġifieri l-figura ta' tifel kważi għarwien fuq ftit tiben jew esibit b'mod l-aktar solenni ġewwa xi ġilandra f'pożizzjoni wieqfa daħal bħala tradizzjoni mill-patrijiet Franġiskani fid-dinja Kattolika Latina. Din it-tradizzjoni taf l-oriġini tagħha fil-bażilika Rumana tal-Madonna ta' Aracoeli f'Ruma, li ngħata lill-patrijiet Franġiskani madwar is-snin 1294-1250. Kien f'din il-bażilika li kibret devozzjoni lejn l-immaġini ta' Ġesù Bambin. Dan il-bambin tal-injam magħruf bħala s-Santo Bambino sar fis-seklu ħmistax minn injam taż-żebbuġ li kien inġieb mill-Palestina eżattament mill-Ġnien tal-Ġetsemani. Sfortunatament, din l-istatwa nsterqet fi Frar tal-1994 u baqgħet ma nstabitx.



Riċentement sibt artiklu fuq rivista antika li kienet ħarġet fl-okkażjoni tal-Ħamsin sena (l-artiklu miktub fl-1947), mill-koronazzjoni ta' dan is-Santo Bambino miktub mill-Kardinal Salotti u jgħid hekk.

"Waħda mid-devozzjonijiet l-aktar għal qalb il-poplu Ruman, hija dik li sa minn kważi ħames sekli tim-manifesta ruħha fil-Bażilika ta' S. Maria d'Aracoeli. Il-korp ta' Santo Bambino, skolpit fl-injam taż-żebbuġ miġjub minn Ġetsemeni minn patri reliġjuż Franġiskan, iqajjem mill-ġdid il-fidi tar-Rumani li qatt ma ntilfet, għalkemm xi kultant ġiet affettwata minn ġrajjiet tal-bniedem, u bħal dik l-istilla polari li tiggwidana u ssabbarna matul il-ħajja.

It-tfal li jħossuhom miġbudin lejn dak il-bambin grazzjuż, li fih isibu l-isbaħ ferħ; liż-żgħażagħ li għandhom bżonn li jimmoderaw l-passjonijiet iħeġġu ġo fihom, l-anzjani li quddiem dan is-Santo Bambino jerġgħu jsiru tfal u jiftakru l-innoċenza ta' meta kienu żgħar; u 'l dawk kollha esperjenzaw il-benefiċċju ta' grazzja u kariżma; jinġabru illum minn qatt qabel, madwar dan it-teżor divin biex spiss jitolbu għas-salvazzjoni ta ' Ruma. It-tifkira tal-ħamsin anniversarju tal-inkurunazzjoni tal-Bambin ta' Aracoeli, immwaqqfa mill-Papa Ljun XIII, għandha tistimula l-fidi Nisranija, li bħal ma kienet kapaċi tirbaħ f'mumenti diffiċli ta' qabel, issa tkun kapaċi tirbaħ il-gwaj ta' kuljum li qed niffaċċjaw illum il-ġurnata, bħal ma' qal Ġesu;

**Ego vici mundum; io ho vinto il mondo.**

**† CARLO Card. SALOTTI**

# L-Għalqa tar-Rgħajja



Kif tħalli l-pjazza ewlenija ta' Betlem tikser fuq il-lemin. It-triq minn hawn tieħdok lejn l-Għalqa tar-Rgħajja, jew aħjar lejn il-post li fih ir-rgħajja ta' Betleħem kienu qed jirgħu l-merħliet tagħhom meta dehrulhom il-qtajja' tal-anġli jkantaw "Glorja 'l Alla fl-Għoli tas-smewwiet". L-imkien fejn tħabbret il-paċi ta' Kristu lill-bnedmin ta' rieda tajba! L-ewwel raħal f'din il-mixja qasira huwa dak ta' *Bet Saħur en Nasara*. 'L hemm minn Bet Saħur tinsab il-pjanura magħrufa bħala l-Pjanura ta' Rut il-mowabita fejn hija lokalizzata l-ġrajja ħelwa li nsibu fil-ktieb ta' Rut. Din il-pjanura imma serviet ukoll bħala sfond għall-kant tal-ewwel "*Gloria in excelsis Deo*". Kien f'dawn l-inħawi, f'dawn l-għelieqi għammiela, illi waslet l-aħbar ta' anġli lir-rgħajja li kienu qegħdin jirgħu l-merħliet tagħhom.

Żewġ postijiet oħra jiġbru fihom it-tradizzjoni fejn seħħet din il-ġrajja. L-ewwel wieħed huwa Dejr er Rawat li jinsab f'idejn il-Griegi Ortodossi. Kappelli u fdalijiet jinsabu miġbura hawnhekk sa mis-VI seklu, għalkemm għandna ukoll indikazzjoni li kien jeżisti qabel post ta' kult nisrani b'tifkira tar-rgħajja ta' Betlem. Il-post l-ieħor, li jiġbor fih it-tradizzjoni dwar ir-rgħajja jinsab f'Sijar el Ganam. Dan il-post huwa dak li llum huwa msejjaħ l-Għalqa tar-Rgħajja. Passaġġ qalb is-siġar idaħħlek lejn kappella ċkejkna minija b'forma ta' għarix fuq disinn tal-arkitett A. Barluzzi fl-1954, bil-kotribuzzjonijiet ta' l-insara tal-Kanada. Id-dehra tagħha, minn barra u minn ġewwa hija marbuta mad-dehra nhar l-ewwel Milied.

Maġenb il-kappella, fuq in-naħa ta' wara, hemm taraġ li jniżżlek minn fuq l-għolja li fuqha hija mibnija din il-kappella. Manġenb dan it-taraġ, imħaffer fil-blat hemm għar ċkejken. Dan l-għar, illum mibdul f'kappella, t-tradizzjoni tindika l-post fejn ir-rgħajja kienu jistkennu fl-iljieli kiesħa tax-xitwa, ħaġa normali u komuni fost it-tribujiet tad-deżert għaż-żminijiet tal-lum. Meta tidħol f'dan l-għar kenni trid biss ftit immaġinazzjoni biex tasal tisma' int ukoll l-ilħna tas-sema u tara l-uċuħ ta' dawk ir-rgħajja fqar miblugħin quddiem id-dehra tas-sema.

Il-Franġiskani għamlu xogħol ta' skavi fis-sena 1951-52 u dan ix-xogħol wera li dan l-imkien kien abitat sa miż-żminijiet ta' Erodi imma li kien żviluppat l-aktar bejn is-seklu V u VII. F'dan il-post kien jeżisti monasteru kbir ibbażat fuq il-biedja kif jixhdu l-għadd ta' bjar, silos, għerien u meries. L-ewwel knisja eżistenti kienet waħda tar-IV/V seklu li mill-knisja ottagonali li kien hemm f'Betlem. L-iskrizzjonijiet fil-mużajċi jikkonfermaw ukoll id-devozzjoni qadima lejn dan l-imkien. Dawn il-fdalijiet wieħed jista' jarahom propju quddiem id-daħla għall-għar qaddis.

***- Meħuda mill-ktieb***
***l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani***



# Il-Presepju Sqalli ...



It-tradizzjoni tat-twelid tal-Bambin fil-gżira Siċiljana ssegwi żewġ direzzjonijiet differenti: waħda "sinjura" u l-oħra b' timbru partikolari, li jgħidulha tal- "fqira u Popolari". Jekk nagħrfu niddistingwu it-tradizzjoni tal-presepju fi Sqallija, hemm il-possibbiltà li wieħed ikollu stampa pjuttost sinifikanti tal-kritika Siċiliana aktar minn qatt qabel sinjura u kompluta, mhux biss.

Fil-fatt, it-tradizzjoni tan-Natività Siċiliana, apparentament mhix biss konnessa permezz ta' sitwazzjonijiet storiċi li huma ovvji għal dik "Naplitana", iżda tiżvela ukoll letteratura ta' min joqgħod fuqha, li turi popolarità għal dik artistika li ma tintaqax magħha fil-presepju Naplitan.

Fl-1575, deher wieħed minn tal-ewwel presepju monumentali bi statwi jiċċaqalqu, fil-Knisja ta ' San Bartolomeo f'Scicli. Kważi fl-istess ħin fi Trapani, il-kostruzzjoni tal-ewwel presepji, b'format żgħir, magħmula mill-metall tad-deheb u l-qroll u magħluqa f' kaxxi, hija dokumentata.

Ukoll fi Sqallija, fis-seklu 1700 kien hemm ħanut kbir ta' Presepji. F'Siracusa, Patri Gaetano Macca, kien artist li kien jispeċjalizza fix-xemgħa. Kellu teknika ta' kif jagħmel presepji raffinati. Fl-istess belt ta' Sqallija, Emanuele Moscuzza ħoloq pasturi tat-tafal mill-aktar raffinati.

Giovanni Matera minn Trapani, huwa wieħed mill-artisti Sqallin li kien magħruf għall-iskultura ta ' format żgħir. Caltagirone, kienet bdiet tiġi magħrufa għall-produzzjoni ta ' figurini tat-terrakotta. F'din l-epoka, bdew jissemmew Bongiovanni-Vaccaro li imbagħad saru l-imgħallmin ta ' wieħed mill-ħwienet l-aktar prestiġjużi fejn tidħol l-arti fi Sqallija.

F'ċentri oħra ta ' Sqallija, minbarra Caltagirone, kien hemm il-bottegi li kienu jipproduċu pasturi għall-presepju, fosthom Palermo, Santo Stefano ta' Camastra, Termine Imerese, l-iskultur Antonio Indovina, Catania, Acireale, Agrigento u Sciacca.

Anke llum it-tradizzjoni Mediterranja tal-Presepju hija pjuttost ħajja fi Sqallija; il-bottegi l-aktar magħrufa huma ċertament dawk ta' Caltagirone fejn jissemmew Mario Ludice u Salvatore Leone, dawk ta' Palermo jissemmew Angela Tripi u Buzzetta. Fuq kollox ġo Sqallija, hija magħrufa għat-tradizzjoni tar-rappreżentazzjonijiet Sagri jew tal-"pastorali, speċjalment fil-Provinċja ta' Agrigento (Ioppolo, St. Angelo Mauxaro u St. Elizabetta), għadhom ħajjin u jikkostitwixxu l-memorja tal-poplu ta' Sqallija.

***Mill-fuljett "Il-Natale delle Madonie"***
***- Vincenzo Piccione d'Avola***
***Traduzzjoni ta' Frans Chircop***

# ĦSIBIJIET...

FR COLIN APAP



## L-Ewwel Ħsieb

*"F'Betlem beda bidu ġdid ta' ġrajjiet il-bniedem"*
(Papa Ġwanni XXIII)

Imma Betlem huwa l-bidu tal-ħajja moħbija, tal-ħajja pubblika, tal-ħajja ta' Alla fostna. Din il-ħajja bdiet bl-iktar mod umli, fqir u kompliet hekk. Minn qatt kien jobsor li Ġesù Sultan, l-Iben ta' Alla, it-Tieni Persuna tas-Santissima Trinità kellu jitwieled f'maxtura bejn baqra u ħmara; kellu jkun imdawwar mir-Rgħajja; kellu jgħaddi 30 sena sħaħ u lanqas ħadd ma jaf biH; kellu jkun imdawwar bi tnax-il raġel ta' ftit skola jew xejn; kellu jidħol f'Ġerusalem fuq ħmar; kellu jiġi abbandunat minn kulħadd anke minn Missieru stess!




Quddiem il-maxtura ta' Betlem min jistà ma jibqax b'ħalqu magħluq, fis-silenzju, jadura lil Alla fil-Misteru tà l-Inkarnazzjoni?
Alla sar bniedem bħalna (barra mid-dnub) għax ried jagħti messaġġ etern- Alla Huwa Mħabba. U l-imħabba titlob kollox minna. Anki minn Alla stess li għax iħobb u ried juri li jħobb neżżà l-kobor Tiegħu ta' Alla u sar XEJN – tarbija f'maxtura.
Ġesù beka kemm-il darba... għax m'hemmx imħabba mingħajr il-biki. Ġesù beka anke biex twieled għalik fil-maxtura ta' Betlem!

## It-Tieni Ħsieb

It-tarbija ta' Betlehem hija xhieda ta' realtà li taħsadna; x'saħħa kbira hemm fid-dgħufija. Hemm ċirkostanzi f'ħajjitna meta nkunu mġiegħla ngħaddu tip ta' mewt personali:
Meta nsibu ruħna darna mal-ħajt u nħossuna ma nistgħux niċċaqalqu, li m'hemmx soluzzjoni għas-sitwazzjoni li ninsabu fiha;
Meta nsibu ruħna f'sitwazzjoni li tagħmel x'tagħmel l-affarijiet ser jibqgħu ħżiena jew isiru agħar;
Meta l-ħila tagħna, l-kapaċita' li nitkellmu u t-talenti tagħna flok jgħinu, isiru iktar ta' ostaklu;
Meta nsibu ruħna f'din id-dgħufija tajjeb niftakru f'dak li jgħallmu l-Profeti:
"Huwa meta ma nistgħu nagħmlu xejn iżjed min-naħa tagħna li Alla jintervjeni"
S.Pawl jistqarr li meta huwa dgħajjef, allura huwa b'saħħtu, Charles de Foucauld jgħid:
"Id-dgħufija tal-mezzi umani hija minn fejn toħroġ is-saħħa".
Meta nħares lejn Ġesù fil-maxtura, inqabbel id-dgħufija tiegħi?
Meta nħossni dgħajjef, ma nista' nagħmel xejn, kollox imurli ħażin, x'nagħmel?

# Il-Priedka tal-Milied

ĊENTRU DEPIRO - RABAT, 1995



**(Marija u Ġużeppi lebsin ilbies tradizzjonali jidħlu fil-knisja minn wara nett tal-knisja. Marija bil-Bambin f'idejha. Il-maxtura vojta, Marija tħares fit-tul lejn il-Bambin. Ġużeppi jħares lejn il-Bambin ukoll. Marija tqiegħed il-Bambin fil-Maxtura.)**

**Ġużeppi:** Marija, qiegħed narak imħassba ħafna, għajjiena u qalbek sewda. Issa għadda kollox. Mhux aħjar tinsa kulma ġarrabna u kulma batejna u tħares 'il quddiem? Għada jkun aħjar! Għada tħossok aħjar u tkun derrejt xi ftit ukoll.

**Marija:** Ili elfejn sena bin-nies ikeċċuni minn wara l-bieb għax kont qiegħda nistenna tarbija. L-istorja ma nbidlitx. Ibni baqa' jitwieled fil-faqar, imwarrab, qisu xi ħaġa ta' min jistkerraha! Iktar jiena! Bqajt infittex il-kenn fil-lukandi u fl-għaqdiet il-kbar. Imma xi ħtija għandi jekk ninzerta ġo belt kbira?
Dejjem maħruba... dejjem tajt il-ħajja fil-faqar u fil-għaks, imdawra bil-mewt u bl-iġsma jitħassru bil-gwerra u bil-vjolenza, kulħadd ikisser kulma hu sabiħ u tajjeb.

**Ġużeppi:** Tassew Marija! Jien ukoll! Ħallini ngħidlek sigriet li dejjem ħbejtulek għax ma ridtekx iżżid l-uġigħ ta' qalbek. Jien bħalek għal dawn l-aħħar elfejn sena dejjem kont missier maħrub, infittex il-kenn u l-iberta' għal marti, għal uliedi u forsi għalija, imma bħalek ġrali.... in-nies ma laqgħunix. Kemm qsamt baħar imqalleb! Kemm ħrabt minn art għal oħra! Imma dejjem l-istess. Kemm inbati għax

infittex il-paċi u l-kenn għal marti u għal uliedi imma jiġrili bħalek. Dejjem iħalluni barra, wara l-bieb, min skuża, min oħra, u dejjem infittex xi għar biex fih marti tagħti l-ħajja. Nixtieqek tkun taf li qalbi nixxiet id-demm.

**Marija:** Dejjem fil-faqar! Dejjem nittallbu dak li hu tagħna mingħand il-pajjiżi għonja. Xi dnub! Il-Pajjiżi l-kbar, għax b'saħħithom jisilfuna b'imgħaxijiet li ħallewna bla nifs u faqqruna aktar. Kemm ibaxxuna għax aħna popli foqra. Fuq dan kollu jilibbsu.... s-serq tagħhom bil-libsa tal-liġi....Jinqdew bl-aqwa avukati u nies għolja biex iwettqu l-inġustizzji tagħhom fuqna, ħuthom il-bnedmin il-foqra.

**Ġużeppi:** U mhux bil-fors il-faqar jista' jwassal għal dnubiet bħalma huwa l-vjolenza, l-gideb, is-serq u l-qtil. Marija bħali taf li l-foqra jħossu, li bħal kulħadd iridu dak li hu tagħhom bi dritt! Jekk ma jaslux bis-sewwa, jaslu bid-dnewwa. Ma tistax twaqqafhom għal dejjem!!

**Marija**: Ħares lejn il-ġurnali l-kbar ta' kuljum. Ara l-aħbarijiet fuq it-television u t-teletext. Isma' l-aħbarijiet fuq ir-radio. X'issib? Il-qawwi jsir arroganti u wiċċu tost aktar milli hu. Jaħseb li jista' jirfes fuq kulħadd – u fejn ma hemmx l-interessi tiegħu fin-nofs ma jħabbel rasu minn xejn.

**Ġużeppi:** Il-qawwijin u s-sinjuri ma jafux jisimgħu l-għajta tagħna l-fqar. Ħafna minnhom moħħhom biss biex igeddsu. Moħħhom biex igeddsu u jinsew il-kotra bil-ġuħ wara biebhom. Iżommu kollox għalihom u jagħmlu n-negozju ma' min hu bħalhom u ma' minn lanqas għandu bżonn. Jinsew li l-ġid ta' l-art igħaddi. Jinsew li jridu jagħtu kont 'l Alla.

**Marija:** Il-ġid skond kif tħares lejh. Bħala qaddej, il-ġid jgħinek tgħin lil ħaddieħor. Bħala sid, hu sid mill-aktar kattiv u jagħmlek ilsir tiegħu. Ma jafx x'inhi ħniena.

**Ġużeppi:** Il-ġid tal-art inessi l-aktar affarijiet importanti u meħtieġa fil-ħajja. Kemm nies sinjuri jew nies moħħhom fil-flus biss jinsew lil uliedhom. Idawruhom bil-flus imma jċaħħduhom mill-imħabba li ġenituri biss jistgħu jagħtu.

**Marija:** Is-sinjuri li joħolqu sinjuri foqra. Għalhekk żdiedu ż-żgħażagħ drogati, ribelli, satanisti. Meta l-aktar ifittxu lill-ġenituri, meta l-aktar jiġu bżonnhom, ma jsibhomx. Kif jistgħu jiftħu qalbhom?

**Ġużeppi:** Jaħsbu li l-lussu jista' jieħu post l-imħabba tal-omm u tal-missier. Jinsew li dawk li ma għandhomx min jifraħ u jibki magħhom huma foqra wkoll. U min ħa jurihom kif jagħmlu t-tajjeb u





jagħrfu l-ħażin u jaħarbuh?

**Marija:** L-għonja li moħħhom biss fil-ġid tagħhom qegħdin jibnu għalihom u madwarhom dinja ta' dlam u ta' tifrik. Dinja bla paċi. Ifittxu l-paċi u jiġru warajha u aktar ma jfittxu u aktar ma jiġru, aktar ma jsibux paċi.

**Ġużeppi:** Irġiel u nisa, tfal u żgħażgħ, xjuħ, familji, popli sħaħ....ifittxu l-paċi u paċi ma jsibux. Ġie l-Prinċep tal-Paċi u ħadd ma nduna bih. Ħadd ma għarfu. Kliemu ma ridux jisimgħuh! Jagħżlu li jibqgħu jinħarqu, li jibqgħu waħidhom, dejjem ifittxu.

**Marija:** Kemm nixtieq li l-bnedmin kollha jħarsu lejn dan it-tarbija u li fih jaraw lil Alla. (Marija tħares lejn il-Bambin) Kemm nixtieqhom jitgħallmu jużaw il-ġid kollu u t-talenti tagħhom biex jagħmlu aħjar għal xulxin! Li kieku jitgħallmu mill-ġid jilqgħu lill-barranin! Kemm nixtieq li jitgħallmu jaħfru lil xulxin, jagħdru, u ma jaħsbux li huma biss għandhom raġun! Kemm nixtieq li ħadd ma jħossu mwarrab! Kemm nixtieq li kulħadd jaħdem għal dinja aħjar!

(Marija terfa' l-Bambin u tagħtih lil Ġużeppi biex iżommu. Tieqaf tħares lejhom it-tnejn. Tinżel għarkubbtejha quddiem Ġużeppi, tħares lejn il-Bambin. Tqum tifla u toqgħod bil-wieqfa. Tgħid din it-talba)

"Noħlom li f'art twelidi u kulfejn hemm il-gwerra, it-tfal jilagħbu ferħanin il-logħob li jridu. Jiġru wara xulxin, jitbandlu, jgħajtu bla biża' u bla ħsieb, imorru fejn iridu mal-ħbieb.
Imma hawn ħafna tfal li ma jistgħux jagħmlu dan. Jafu biss il-bombi jsaffru u jisplodu. Jafu lil ommhom tmut. Jafu bliet imġarrfin, mingħajr ilma u elettriku. Tfal li jafu l-biki, il-mewt, il-vjolenza u l-biża'.
Nitolbok Alla tagħna....Ħenn għalina. Għallimna nħobbu. Għallimna naħfru u nilqgħu l-maħfra tal-oħrajn. Għallimna nagħrfuk bħala Alla tagħna lkoll."
(Tqum tifla oħra ... Taqbad il-*microphone*, tħares lejn in-nies u tgħidilhom:

*Sinjuri il-prietka tal-Milied spiċċat. Issa sejra nieħu l-Bambin f'idejja u ftit minnkom ibusuh f'isem il-komunita' kollha.*

(Tagħmel hekk. Wara li jbusuh xi nies tul il-kappella kollha, tqiegħed il-Bambin fil-maxtura. Terġa' tieħu l-*microphone* f'idejha u tgħidilhom:

Issa kollha bisna lil Ġesu'. Imma n-nisrani jagħmel aktar minn hekk. L-insara tassew huma dawk li jħobbu 'l Alla b'qalbhom kollha u jħobbu lill-proxxmu. L-insara tassew, għax huma missjunarji, jixtiequ lil-bnedmin kollha jsiru jafu min hu Alla u jħobbuh. Jien, bħala missjunarja żgħira, inħabbrilkom li Alla jħobbna u li sar bniedem bħalna għalina. Grazzi.

(Tagħmel inkin żgħir lin-nies. Iddur u tagħmel reverenza quddiem Ġesu' Bambin. Titla' fejn it-tlett itfal l-oħra.)

**Tmiem**

## TALBA: Għażiż Ġesù,

Meta narak waħdek, tibki f'maxtura tiġini li nsaqsik: għaliex? Xi trid tgħidli biha din li l-Iben ta' Alla jitwieled f'tant faqar, imwarrab? Insibha tant diffiċli, Mulej, li nkun waħdi, imwarrab, insofri fil-kwiet...imma Int... Naf Mulej li għamilt dan kollu għalija biex jien ukoll, xi darba, nibda ngħix. L-ubbidejenza tiegħek għar-Rieda tal-Missier tqawwili qalbi biex inkun bħalek... Huwa f'dal mument ta' dgħufija, waħdek, mhux magħruf, li turini l-istil ta' ħajtek... "Huwa meta Ġakobb jitlaq minn daru u jinsab fi triqtu waħdu, fqajjar, meta jkollu jorqod fuq il-ksieħ tal-art fid-deżert, fejn qiegħed ifittex il-mistrieħ wara vjaġġ twil bilmixi: huwa f'din is-sitwazzjoni li jsib lilu nnifsu bħala vjaġġatur waħdu f'nofs vjaġġ twil. F'belt selvaġġa u stramba mingħajr djar fejn jistrieħ... huwa f'dal-mument li jsib ruħu f'sitwazzjoni ta' dwejjaq, li Alla jimlieh bir-rigali sbieħ tiegħu".



**Il-Website tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta**
**www.presepjumalta.org**

# Kors minn Gianfranco Cupelli u Francesco Stellato














GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU
Malta
1986

